



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 25 ta' Ottubru 2012 (30.10)
(OR. en)**

15399/12

**Fajl Interistituzzjonali:
2012/0294 (NLE)**

**ECO 129
ENT 265
MI 660
UNECE 19**

NOTA PUNT I/A

minn:	Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Coreper / Kunsill
Nru prop. Cion:	15366/12 ECO 126 ENT 262 MI 655 UNECE 16
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitati rilevanti tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa fir-rigward tal-adattament għall-progress tekniku tar-Regolamenti Nri 3, 4, 6, 7, 10, 12, 14, 16, 19, 23, 26, 31, 37, 38, 44, 45, 46, 48, 49, 50, 53, 58, 61, 67, 77, 83, 85, 87, 90, 91, 94, 95, 96, 97, 98, 99, 100, 101, 110, 112, 113, 115, 116, 117, 119, 121, 123 u 125 u dwar l-adattament għall-progress tekniku tar-Regolamenti Globali Tekniċi Nri 4 u 5 tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa Adozzjoni

1. Fit-23 ta' Ottubru 2012 il-Kummissjoni ppreżentant lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq.
2. Fil-livell internazzjonali, il-UNECE tiżviluppa rekwiżiti armonizzati maħsubin biex ineħħu l-ostakoli tekniċi għall-kummerċ fil-vetturi bil-mutur bejn il-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim Rivedut tal-1958. L-UE hija parti kontraenti għal dan il-Ftehim u għall-Ftehim Parallel tal-1998 u tivvota f'isem l-Istati Membri. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta tiddefinixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-votazzjoni tal-emendi, is-supplimenti u r-rettifiki sottomessi għall-vot fil-laqgħa tad-WP29 tal-UNECE ta' Novembru 2012 li ser isseħħ fit-12-15 ta' Novembru 2012.

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Armonizzazzjoni Teknika (Standardizzazzjoni) eżamina l-proposta fil-25 ta' Ottubru 2012 u qabel b'mod unanimu dwar it-test li jinsab fl-Anness.
4. **Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden:**
- **biex jikkonferma l-qbil li ntlaħaq mill-Grupp ta' Ħidma,**
 - **jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta, fil-parti "A" tal-aġenda tiegħu ta' laqgħa li jmiss, it-test tad-Deċiżjoni kif tinsab fid-dokument 15378/12 wara l-finalizzazzjoni tiegħu mill-ġuristi-lingwisti tal-Kunsill.**

2012/0294 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitati rilevanti tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa fir-rigward tal-adattament għall-progress tekniku tar-Regolamenti Nri 3, 4, 6, 7, 10, 12, 14, 16, 19, 23, 26, 31, 37, 38, 44, 45, 46, 48, 49, 50, 53, 58, 61, 67, 77, 83, 85, 87, 90, 91, 94, 95, 96, 97, 98, 99, 100, 101, 110, 112, 113, 115, 116, 117, 119, 121, 123 u 125 u dwar l-adattament għall-progress tekniku tar-Regolamenti Globali Tekniċi Nri 4 u 5 tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 114 u l-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE¹ tas-27 ta' Novembru 1997 l-Unjoni laqgħet il-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti ("UNECE") dwar l-adozzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, għat-tagħmir u l-partijiet li jistgħu jintramaw u/jew jiġu użati fuq vetturi bir-roti u għall-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("il-Ftehim tal-1958 Rivedut").
- (2) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE² tal-31 ta' Jannar 2000 l-Unjoni aderixxiet mal-Ftehim dwar l-istabbiliment ta' regolamenti tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, apparat u partijiet li jistgħu jitwaħħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti (Ftehim Parallel);

¹ ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78.

² ĠU L 35, 10.2.2000, p. 12.

- (3) Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru)³ issostitwixxiet is-sistemi ta' approvazzjoni tal-Istati Membri bi proċedura ta' approvazzjoni tal-Unjoni, li stabbilixxiet qafas armonizzat li jinkludi d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi ġenerali għall-vetturi l-ġodda kollha, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati. Dik id-Direttiva inkorporat ir-Regolamenti tal-UNECE fis-sistema tal-UE għall-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi, jew bħala rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip jew bħala alternattivi għall-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Minn meta ġiet adottata d-Direttiva 2007/46/KE, ir-Regolamenti tal-UNECE, qegħdin jissostitwixxu dejjem aktar il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qafas tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE tal-vetturi.
- (4) Fid-dawl tal-esperjenza u l-iżviluppi tekniċi, ir-rekwiżiti marbuta ma' ċerti elementi jew fatturi koperti bir-Regolamenti tal-UNECE Nri 3, 4, 6, 7, 10, 12, 14, 19, 23, 26, 31, 37, 38, 44, 45, 46, 48, 49, 50, 53, 58, 61, 67, 77, 83, 85, 87, 90, 91, 94, 95, 96, 97, 98, 99, 100, 101, 110, 112, 113, 115, 116, 117, 119, 121, 123 u 125 u r-Regolament Tekniku Globali Nri 4 u 5 tal-UNECE jeħtieġ li jiġu adattati.
- (5) Huwa xieraq li tkun stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Amministrattiv tal-Ftehim Rivedut tal-1958 u fil-Kumitat Eżekuttiv tal-Ftehim Parallel dwar l-emendi li għandhom isiru għall-atti tal-UNECE msemmija aktar 'il fuq.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Amministrattiv tal-Ftehim Rivedut tal-1958 u fil-Kumitat Eżekuttiv tal-Ftehim Parallel mit-13 sas-16 ta' Novembru 2012 għandha tkun dik li tivvota favur l-emendi proposti elenkati fl-Anness.

³ ĠU L 263, 24.02.2011, p. 1.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

Il-Lista msemmija fl-Artikolu 1:

Proposta għas-Suppliment 13 mas-serje ta' emendi 02 tar-Regolament Nru 3 (Tagħmir retro-riflettiv)	ECE/TRANS/WP.29/2012/62
Proposta għas-Suppliment 16 tar-Regolament Nru 4 (Illuminazzjoni tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni ta' wara)	ECE/TRANS/WP.29/2012/63
Proposta għas-Suppliment 23 għas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament Nru 6 (Indikaturi tad-direzzjoni)	ECE/TRANS/WP.29/2012/64
Proposta għar-Rettifika 1 tar-Reviżjoni 5 tar-Regolament Nru 6 (Indikaturi tad-direzzjoni)	ECE/TRANS/WP.29/2012/110
Proposta għas-Suppliment 21 għas-serje 02 tal-emendi għar-Regolament Nru 7 (Fanali tal-pożizzjoni, tal-waqfien u x-xifer aħħari)	ECE/TRANS/WP.29/2012/65
Proposta għas-Suppliment 2 għas-serje 04 ta' emendi għar-Regolament Nru 10 (Kompatibilità elettromanjetika)	ECE/TRANS/WP.29/2012/66
Proposta għas-Suppliment 2 għas-serje 04 ta' emendi għar-Regolament Nru 12 (Mekkaniżmu tat-tmun)	ECE/TRANS/WP.29/2012/96
Proposta għas-Suppliment 4 għas-serje 07 ta' emendi għar-Regolament Nru 14 (Ankraġġi taċ-ċinturini tas-sikurezza)	ECE/TRANS/WP.29/2012/42 ECE/TRANS/WP.29/2012/97
Proposta għas-Suppliment 3 għas-serje 06 ta' emendi għar-Regolament Nru 16 (Ċinturini tas-sikurezza)	ECE/TRANS/WP.29/2012/43
Proposta għas-Suppliment 4 għas-serje 04 ta' emendi għar-Regolament Nru 19 (Fanali taċ-ċpar ta' quddiem)	ECE/TRANS/WP.29/2012/67
Proposta għas-Suppliment 19 tar-Regolament Nru 23 (Fanali tar-rivers)	ECE/TRANS/WP.29/2012/68
Proposta għas-Suppliment 2 għas-serje 03 ta' emendi għar-Regolament Nru 26 (Projezzjonijiet esterni ta' karoZZi tal-passiġġieri)	ECE/TRANS/WP.29/2012/86
Proposta għas-Suppliment 8 għas-serje ta' emendi 02 għar-Regolament Nru 31 (Fanali prinċipali ta' quddiem (raġġ tal-aġġenju ssiġillat (HSB))	ECE/TRANS/WP.29/2012/69
Proposta għas-Suppliment 40 għas-serje 03 ta' emendi għar-Regolament Nru 37 (Fanali bil-filament)	ECE/TRANS/WP.29/2012/70

Proposta għas-Suppliment 16 tar-Regolament Nru 38 (fanali taċ-ċpar ta' wara)	ECE/TRANS/WP.29/2012/71
Proposta għas-Suppliment 6 għas-serje 04 ta' emendi għar-Regolament Nru 44 (Sistemi tat-trażżin tat-tfal)	ECE/TRANS/WP.29/2012/98
Proposta għas-Suppliment 7 għas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament Nru 45 (Naddafa tal-fanali ta' quddiem)	ECE/TRANS/WP.29/2012/72
Proposta għas-serje 04 ta' emendi għar-Regolament Nru 46 (Tagħmir għal viżjoni indiretta)	ECE/TRANS/WP.29/2012/87 WP.29-158-08
Proposta għas-Suppliment 10 għas-serje ta' emendi 04 tar-Regolament Nru 48 (Stallazzjoni ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl)	ECE/TRANS/WP.29/2012/73 ECE/TRANS/WP.29/2012/73-Corr.1
Proposta għas-Suppliment 3 għas-serje ta' emendi 05 tar-Regolament Nru 48 (Stallazzjoni ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl)	ECE/TRANS/WP.29/2012/74
Proposta għar-Rettifika 1 għas-Suppliment 7 għall-emendi 04 tar-Regolament Nru 48 (Stallazzjonijiet ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl)	ECE/TRANS/WP.29/2012/111
Proposta għas-Suppliment 1 għas-serje 06 ta' emendi għar-Regolament Nru 49 (emissjonijiet ta' magni C.I. u P.I. (NG u LPG))	ECE/TRANS/WP.29/2012/103 ECE/TRANS/WP.29/2012/103/Corr.1
Proposta għas-Suppliment 16 għar-Regolament Nru 50 (Fanali tal-pożizzjoni, tal-waqfien, li jindikaw id-direzzjoni għal mopeds u muturi)	ECE/TRANS/WP.29/2012/75
Proposta għas-Suppliment 14 għas-serje ta' emendi 01 tar-Regolament Nru 53 (Stallazzjoni ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl għal vetturi L3)	ECE/TRANS/WP.29/2012/76
Proposta għas-Suppliment 3 għas-serje 02 ta' emendi għar-Regolament Nru 58 (Il-protezzjoni tal-under-run ta' wara),	ECE/TRANS/WP.29/2012/88
Proposta għas-Suppliment 2 għar-Regolament Nru 61 (Projezzjonijiet esterni ta' wara tal-kabina)	ECE/TRANS/WP.29/2012/89

Proposta għas-Suppliment 11 għas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament Nru 67 (Vetturi tal-LPG)	ECE/TRANS/WP.29/2012/90
Proposta għas-Suppliment 15 tar-Regolament Nru 77 (Fanali tal-ipparkjar)	ECE/TRANS/WP.29/2012/77
Proposta għas-Suppliment 3 għas-serje 06 ta' emendi għar-Regolament Nru 83 (emissjonijiet ta' vetturi M1 u N1)	ECE/TRANS/WP.29/2012/104 ECE/TRANS/WP.29/2012/105
Proposta għar-Rettifika 2 għas-serje 06 ta' emendi għar-Regolament Nru 83 (emissjonijiet ta' vetturi M1 u N1)	ECE/TRANS/WP.29/2012/127
Proposta għas-Suppliment 6 għar-Regolament Nru 85 (tal-kejl tal-potenza netta)	ECE/TRANS/WP.29/2012/106
Proposta għas-Suppliment 16 għar-Regolament Nru 87 (Fanali tas-sewqan ta' bi nhar)	ECE/TRANS/WP.29/2012/78
Proposta għar-Rettifika 1 għar-Reviżjoni 3 tar-Regolament Nru 90 (sostituzzjoni tal-partijiet tal-brejkijiet) Allineament tal-verżjoni bl-Ingliż u bil-Franċiż tat-test bir-Russu	ECE/TRANS/WP.29/2012/117
Proposta għas-Suppliment 14 tar-Regolament Nru 91 (Fanali li juru l-għnub)	ECE/TRANS/WP.29/2012/79
Proposta għas-Suppliment 3 għas-serje 02 ta' emendi għar-Regolament Nru 94 (Ħabta frontali)	ECE/TRANS/WP.29/2012/99
Proposta għar-Rettifika 1 għas-Suppliment 4 tas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament Nru 94 (Protezzjoni f'każ ta' ħabta frontali)	ECE/TRANS/WP.29/2012/126
Proposta għas-Suppliment 2 għas-serje 03 ta' emendi għar-Regolament Nru 95 (Ħabta mill-għemb)	ECE/TRANS/WP.29/2012/100
Proposta għas-Suppliment 1 għas-serje 03 ta' emendi tar-Regolament Nru 96 (emissjonijiet tad-diżil (tratturi agrikoli))	ECE/TRANS/WP.29/2012/107

Proposta għas-Suppliment 7 għas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament Nru 97 (Sistemi tal-alarm tal-vetturi)	ECE/TRANS/WP.29/2012/91
Proposta għas-Suppliment 4 għas-serje 01 ta' emendi tar-Regolament Nru 98 (Fanali ta' quddiem b'sorsi ta' dawli jarmu l-gass)	ECE/TRANS/WP.29/2012/80
Proposta għar-Rettifika 1 għar-Reviżjoni 3 tar-Regolament Nru 98 (Fanali ta' quddiem b'sorsi ta' dawli jarmu l-gass)	ECE/TRANS/WP.29/2012/61
Proposta għas-Suppliment 8 tar-Regolament Nru 99 (Sorsi tad-dawli jarmu l-gass)	ECE/TRANS/WP.29/2012/81
Proposta għas-Suppliment 2 għas-serje 01 tal-emendi għar-Regolament Nru 100 (Sikurezza tal-batterija ta' vetturi bl-elettriku)	ECE/TRANS/WP.29/2012/101
Proposta għas-serje 02 tal-emendi għar-Regolament Nru 100 (Sikurezza tal-batteriji ta' vetturi bl-elettriku)	ECE/TRANS/WP.29/2012/102 WP.29-158-06
Proposta għas-Suppliment 2 għas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament Nru 101 (Emissjonijiet tas-CO ₂ /konsum tal-fjuwil)	ECE/TRANS/WP.29/2012/108
Proposta għas-serje 01 tal-emendi għar-Regolament Nru 110 (tagħmir CNG),	ECE/TRANS/WP.29/2012/92
Proposta għas-Suppliment 4 għas-serje 01 ta' emendi tar-Regolament Nru 112 (Fanali ta' quddiem li jifgħu raġġ għaddieni asimmetriku)	ECE/TRANS/WP.29/2012/82
Proposta għas-Suppliment 2 għas-serje 01 ta' emendi tar-Regolament Nru 113 (Fanali ta' quddiem li jifgħu raġġ għaddieni simetriku)	ECE/TRANS/WP.29/2012/83
Proposta għas-Suppliment 5 għar-Regolament Nru 115 (Sistemi ta' twaħħil tal-LPG u s-CNG)	ECE/TRANS/WP.29/2012/109
Proposta għas-Suppliment 4 tar-Regolament Nru 116 (Sistemi ta' alarm kontra s-serq)	ECE/TRANS/WP.29/2012/93

Proposta għas-Suppliment 2 għas-serje 02 tal-emendi tghar-Regolament Nru 117 (Tajers - Reżistenza għad-dawrien u l-ħsejjes fid-dawrien, l-irbit fiż-żliq)	ECE/TRANS/WP.29/2012/54 ECE/TRANS/WP.29/2012/55 WP.29-158-09
Proposta għas-Suppliment 2 għas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament Nru 119 (Fanali għall-kantunieri)	ECE/TRANS/WP.29/2012/84
Proposta għas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament Nru 121 (Identifikazzjoni tal-kontrolli, sinjali ta' avvertiment u indikaturi)	ECE/TRANS/WP.29/2012/30
Proposta għas-Suppliment 8 tar-Regolament Nru 121 (identifikazzjoni tal-kontrolli, tell-tales u indikaturi)	ECE/TRANS/WP.29/2012/94
Proposta għas-Suppliment 4 għas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament Nru 123 (Sistemi adattivi tad-dawl ta' quddiem (AFS))	ECE/TRANS/WP.29/2012/85
Proposta għas-serje 01 tal-emendi għar-Regolament Nru 125 (Firxa viżiva fuq quddiem tas-sewwieqa)	ECE/TRANS/WP.29/2012/95
Proposta għall-Emenda 3 għar-Riżoluzzjoni Speċjali Nru 1 (S.R.1)	ECE/TRANS/WP.29/2012/115
Proposta għall-Emenda lil R.E.3 (Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni ta' Vetturi)	ECE/TRANS/WP.29/2012/114

Proposta għar-Rettifika 2 mal-Emenda 1 għar-regolament tekniku globali Nru 4 (proċedura ta' Ċertifikazzjoni Heavy Duty Armonizzata mad-Dinja Kollha (WHDC))	ECE/TRANS/WP.29/2012/112
Proposta għall-Emenda 1 għar-regolament globali tekniku Nru 5 (Sistemi Djanjostiċi Abbord Heavy-Duty Armonizzati mad-Dinja Kollha) (OBD)	ECE/TRANS/WP.29/2012/AC.3/30 ECE/TRANS/WP.29/2012/113 ECE/TRANS/WP.29/2012/118